MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 212/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Felice Scerri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Felice Scerri (ID 338639M)**

**Vs**

**Naudi Mario**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm606.39 (sitt mija u sitt Liri Maltin u disgha u tletin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar it-22 ta' Lulju 2004 gewwa l-Pieta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta' sitt mija u sitt Liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm606.39) jirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Felice Scerri assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' hames mija u wiehed u tmenin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm581.39), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Felice Scerri in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Lulju 2004 ghall-habta tas-7.00am gewwa St Luke's Hospital, Pieta`, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Felice Scerri, bin-numru ta' registrazzjoni WAL 116 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni BAD 714, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Montaldo Insurance Services Limited ghan-nom tas-socjeta` estera American Home Assurance Co., u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

L-esponenti jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni WAL 116, ossija Walter Scerri, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kollizzjoni hija r-rizultat ta’ nuqqas ta’ komprensjoni bejn zewg xufiera li jahdmu fl-istess post tax-xoghol u riedu jipparkjaw fl-istess post, wiehed bil-quddiem ossia l-attur u l-iehor il-konvenut bir-“reverse”.

Illi huwa sintomatiku l-attegjament tal-konvenut. A tempo vergine lill-warden qallu testwalment “Kont fil-car park. Kien hemm habib tieghi qalli biex niehu postu. Kien hemm vettura WAL-116 (tal-attur) qed jistenna biex jipparkja minfloku. Jiena kont qablu u meta gejt biex niriversja lil WAL-116 lqattu.”

Da parti tieghu l-attur qal hekk “Jiena rajt karozza hierga u mort biex nidhol minflokha u jien u diehel BAD-714 (tal-konvenut) irriversjat fuqi.”

Donnu jidher, anki mill-mod kif xehedu quddiem dan it-Tribunal illi fil-waqt illi l-attur ma kellux konjizzjoni tal-konvenut, il-konvenut kellu konjizzjoni tajba hafna tal-istess attur. L-attur bil-quddiem qatt ma seta’ jara lill-konvenut peress li kien warajh. Da parti tieghu l-konvenut, ghalkemm ra lill-attur fuq il-post xorta irriversja u kien f’dak il-mument li huwa ma rahx. Ghax f’dak il-mument ukoll l-attur saq biex jipparkja fl-istess post.

Li hu perikoluz huwa l-atteggjament tal-konvenut. Fis sens illi huwa ra lill-attur qed jistenna biex jiparkja. Ried jiparkja fl-istess post tieghu pero` ikkontempla li peress li kien qablu allura kellu d-dritta hu jidhol fil-post tal-parkegg.

Meta izda gie biex jipparkja huwa ma ha l-ebda prekawzjoni waqt li qed jaghmel manuvra ta’ riversjar billi kellu certu frettosita` biex jidhol f’dan il-post, biex ma jehodulux l-attur. Tant hu hekk illi ma zamm l-ebda “proper lookout” ta’ dak li kien qieghed jissucjedi warajh. Tant hu hekk spicca dahal go fih.

Attegjament simili huwa ferm perikoluz ghax huwa ekwivalenti ghall-ghagir ta’ min ikun l-ewwel jaqbad u

jiehu l-ewwel pass hu. Minn hemm hekk jikkawza l-konsegwenzi u dana aktar u aktar meta kellu dixxerniment ta' dak li kien qed jaghmel l-attur u effettivament ta' dak li ghamel.

Hawn jidher in-nuqqas ta' komprensjoni da parti tal-istess konvenut. Ghax biex ma jaghtix cans lill-attur li jehodlu postu, li allegatament huwa postu, dana qabad u ghamel manuvra bir-reverse minghajr ma ha l-ebda prekawzjoni.

Il-manuvra tar-reverse hija wahda perikoluza u eccezzjonali u ghandha tintuza minn ta' l-anqas. Aktar u aktar f'postijiet cirkostazi u fejn ma jkun hemm l-ebda spazju.

Fl-opinjoni tat-Tribunal il-konvenut naqas ferm fl-attegjament tieghu ta' sewqan prudenti u perizja biex ma jikkagunax hsara lil terzi.

Dak il-mument ukoll donnu ghall-istess konvenut gie lluminat dak li jaghmel u infatti offra li jaqsmu l-ispejjes tal-habta biex ma joqoghodx jahli l-hin u jitla' quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi l-istess incident huwa unikament responsabbli l-istess konvenut.

Illi a rigward tal-quantum tad-danni giet prezentata nota ta' riduzzjoni fis-17 ta' Ottubru 2005 fejn l-ammont gie ridott ghas-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u disa' u tmenin centezmu (Lm335.89), liema somma ma gietx kontestata mill-konvenut.

Jiddeciedi ghalhekk billi jiddikjara unikament responsabbli lill-istess konvenut, jichad l-eccezzjonijiet tieghu u jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u hamsa u tletin lira Maltin u disa' u tmenin centezmu (Lm335.89) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------